# Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## IL-PULIZIJA (SPETTUR RACHEL AQUILINA) V. TYRONE CUTAJAR (KI. 73691M)

**MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK**

**09/04/2024**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

**Lil Tyrone Cutajar** **Bin Emanuel u Mary Grace nee' Barbara mwieled fl-20/01/1991 Pieta' u joqghod 62, GRAMAN, TRIQ MELITA, PAOLA ID. 73691M**

**BILLI inti akkuzat/a** talli fis-16 ta' Lulju, 2023 ghall-habta ta' 23:40 hrs, gewwa Triq it-Tlett Ibliet, Bormla, bhala sid tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IBZ093;

1. Gieghelt jew hallejt lil Christabel Muscat ID.137099M tuza vettura bil-mutur Nru. IBZ093 fit-toroq minghajr ma kienet koperta b'polza ta` assigurazzjoni dwar ir-riskji ta` terzi persuni. **Sec. 3(1), Chap. 104**

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' PC 486 Ryan Camilleri (*affidavit*), PS 1340 A. Bellizzi (*affidavit*) u ta' Dr. Maria Attard (għal Mapfre Middlesea Insurance plc) li xehdet fil-kawża Pulizija v. Christabel Muscat fis-seduta tad-9 ta' April 2024 u li b'ordni tal-Qorti (wara talba magħmula mill-Prosekuzzjoni) ġiet reża applikabbli għal din il-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

*Provi*

1. Jirriżulta mill-*affidavits* ta' **PS 1340 A. Bellizzi** u **PC 486 R. Camilleri** illi fid-data, ħin u lok in kwistjoni ċertu Christabel Muscat twaqqfet waqt *road-check* u rriżulta li kienet qed issuq vettura tal-għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni IBZ-093 meta għall-użu tagħha minnha ma kienx hemm fis-seħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni u dan għaliex din il-polza kienet tkopri biss lill-imputat (bħala *policyholder*) u lil persuni li jkollhom 25 sena 'l fuq (li jkunu qed isuqu bil-permess tal-*policyholder*) mentri l-imputata kellha biss 24 sena. Flimkien magħha fl-istess vettura kien hemm l-imputat li għalhekk tressaq f'din il-kawża akkużat illi ħalla jew ippermetta lil persuna ssuq vettura meta għall-użu tagħha minnha ma kienx hemm fis-seħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

2. Fis-seduta tad-9 ta' April 2024 xehdet **Dr. Maria Attard** għal Mapfre Middlesea Insurance plc (din xehdet fil-kawża Pulizija v. Christabel Muscat fis-seduta tad-9 ta' April 2024 iżda b'ordni tal-Qorti wara talba magħmula mill-Prosekuzzjoni, ix-xhieda tagħha ġiet reża applikabbli għal din il-kawża) li ppreżentant il-polza tal-assigurazzjoni relattiva li kienet tkopri lill-*policyholder* Tyrone Cutajar (l-imputat) u *"any driver aged 25 years and over ..."* bejn l-20 ta' Marzu 2023 u t-30 ta' Settembru 2023. Hija xehdet illi għalhekk jekk ix-xufier li jkun qed isuq il-vettura ma jkollux 25 sena, dak ix-xufier ikun eskluż mill-kopertura tal-polza għalkemm bil-liġi t-terz jibqa' dejjem protett (salv id-dritt ta' rivalsa li l-kumpanija tal-assigurazzjoni jista' jkollha).

3. L-Art. 3(1A) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta (L-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni) jipprovdi illi:

   **'3 (1A) Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4)'**

4. Mix-xhieda ħareġ illi fid-data tal-allegat akkadut kien hemm polza tal-assigurazzjoni maħruġa minn Mapfre Middlesea plc li tkopri lill-imputat bħala *policyholder* u kwalsiasi

xufier ta' 25 sena jew aktar (li jsuqu bil-permess tal-*policyholder*). Kif ingħad, il-Prosekuzzjoni xliet lill-imputat b'dan ir-reat minħabba l-fatt illi huwa kien preżenti fl-istess vettura filwaqt li din kienet qed tinstaq minn persuna li ma kienetx għalqet 25 sena.

5. Il-posizzjoni ta' din il-Qorti kif presjeduta għal numru ta' snin kienet dik illi għall-finijiet tal-Art. 3(1) tal-Kap. 104, ma' tagħmilx differenza jekk min kien qiegħed juża l-vettura għandux liċenzja tas-sewqan jew le[1], għandux inqas minn 25 sena jew le, jew jekk huwiex b'xi mod eskluż mill-kopertura tal-polza jew le,  darba jirriżulta illi ikun hemm fis-seħħ polza ta' assigurazzjoni tal-vettura u dan għaliex it-terz ikun dejjem protett u għalhekk f'dak il-każ ir-reat ravviżat taħt l-Art. 3(1) tal-Kap. 104 ma' jissustix[2] u semmai il-kwistjoni kienet tirrisolvi ruħha f'waħda ta' natura ċivili iżjed minn dik kriminali.

6. Bis-sentenzi riċenti u studjati tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) u ċioe dawk mogħtija fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mohamad Knaan (Appell Numru: 479 / 2022 CSH, 7 ta' Frar 2023)** u **Il-Pulizija v. Xemizin McKay (Appell Numru 423/2022 EG, 24 ta' Mejju 2023)**, il-pożizzjoni li ttieħdet hija waħda differenti u dan fis-sens illi kwalunkwe persuna li jkun qed jiffaċċja l-imputazzjoni li kien qed isuq kontra d-disposizzjoni tal-Art. 3(1) tal-Kap. 104, jrid juri li kien personalment kopert taħt il-polza tal-assigurazzjoni maħruġa għall-użu tal-vettura altrimenti ikun ħati tar-reat ipotizzat taħt dak l-artikolu tal-liġi. Hekk per eżempju huwa fatt magħruf illi l-kundizzjonijiet tal-poloz ta' diversi kumpaniji tal-assigurazzjoni tas-sewqan f'pajjiżna jkopru lis-sewwieq li ma jkunx fil-pussess ta' liċenzja tas-sewqan jekk dan kellu waħda fil-passat u ma jkunx ġie skwalifikat milli jżommha jew sewwieq li ma jkunx qed isuq vettura li jkollha l-liċenzja tat-triq skaduta.  Għalhekk jekk l-imputat jtella' rappreżentant tal-kumpanija tal-assigurazzjoni sabiex jikkonferma illi nonostante dak allegat mill-Prosekuzzjoni huwa xorta waħda mhuwiex meqjus eskluż mill-kopertura tal-polza in kwistjoni, huwa ikun issodisfa l-oneru impost fuqu mill-Art. 3(1A) tal-Kap. 104.

---

[1] Naturalment dan ikun reat separat suġġett għal proċeduri kriminali diversi!

[2] Din hija posizzjoni li ġiet abbraċjata ukoll mill-Qrati tagħna f'diversi istanzi fil-passat inkluż per eżempju fis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs Emanuel Zarb** (App. Nru. 329:2010:MM, 26 ta' Marzu, 2015)

7. Din il-Qorti, għalkemm mhijiex marbuta illi ssegwi kwalsiasi linja ta' sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Appell, tqis li jkun għaqli u fl-interess tal-ġustizzja li jkun hemm uniformita' fis-sentenzi u għalhekk hija tara li għandha ssegwi ukoll u tagħmel tagħha l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fuq din il-materja.

8. Issa f'din il-kawża kif ingħad irriżulta b'mod ċar illi fid-data tal-allegat reat l-persuna li kienet qed issuq fil-presenza tal-imputat ma kienetx għalqet 25 sena u għalhekk għalkemm kellha l-permess issuq il-vettura minn sidha, madanakollu hija kienet eskluża mill-kopertura.

9. Dan ifisser illi l-imputat ħalla lix-xufiera ssuq meta għall-użu tagħha tal-vettura in kwistjoni hija ma kienetx koperta mill-polza.

10. Din l-imputazzjoni għalhekk tirriżulta li ġiet ippruvata.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija l-Qorti wara li rat l-artikolu relevanti tal-liġi ossia' l-Art. 3(1) tal-Kap. 104 issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u tikkundannah iħallas multa fl-ammont ta' elfejn tlett mija u tletin euro (€ 2,330). Fuq talba tal-imputat, il-multa tista' titħallas fuq medda ta' 24 xahar f'pagamenti mensili u ugwali. B'żieda mal-piena l-Qorti qegħda tapplika d-disposizzjoni tal-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 u tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tnax-il xahar.**

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y.M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |